Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 160 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Mifsud**

Illum, 3 ta' Dicembru 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Mifsud, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 955346 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-5 ta' Frar, 2018 ghal habta tas-sitta neqsin ghaxar minuti fi Triq Isouard, Marsa, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAZ 473;

1. U b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamneti tat-traffiku, hbatt ma' vettura numru DCC 891 u nvolontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Charmaine Gatt;

2. U meta kont involut f' incident tat-traffiku ma vettura numru DCC 891 inqast li tieqaf, meta kien mehtieg inqast li taghti l-partikolaritajiet tieghek u d-dettalji tal-vettura li kont qed issuq kif mitlub bil-ligi u jew inqast li tirraporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali.

Il-Qorti ntalbet sabiex f' kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat mill-licenzja kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-27 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 328 (d) tal-Kodici Kriminali [Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta], rigward l-ewwel akkuza, u r-Reolament 67 (1) tal-L.S 65.11, rigward it-tieni akkuza, sabet lill imputat hati tal-ewwel akkuza filwaqt li illiberathu mit-tieni akkuza. Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ddecidiet li tapplika l-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation [Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta] u tillibera lill-istess imputat bla hsara ghall-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor ghall-perjodu ta' gimgha mid-data ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Mifsud minnu pprezentat fid-11 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitux hati tat-tieni akkuża, tirrevokaha ghal bqija u konsegwentament tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u teħilsu minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-aggravji mresqa mill-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(1) In-nullita` tas-sentenza in linea mall-Artiklu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta` Malta għaliex ir-rekwiżiti tal-imsemmi artiklu 382 ma` ġewx osservati, fis-sens li l-artiklu jesiġi li fis-sentenza tagħha l-Qorti għandha tosserva l-fatti li a bażi tagħhom l-akkużat ikun instab ħati. F'dan is-sens l-akkużat ma ingħatatlu l-ebda sentenza bil-miktub li fuqha seta` jappella imma biss kopja legali tal-verbal u l-komparixxi. La fil-verbal u l-anqas fil-komparixxi hawn annessi ma hemm ir-raġunijiet għaliex il-Qorti tal-

Maġistrati sabet lill-imputat ħati. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkundannat lill-imputat għall-ebda bażi ta` fatt in partikolari;

(2) Illi umilment jigi sottomess li l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqghu ferm il-boghod mill-grad rikjest mill-ligi ghas-sejbien ta' htija u f'dan is-sens is-sentenza appellata hija *unsafe u unsatisfactory*. Fuq il-bażi tal-fatti quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant kellu jiġi liberat minn kull akkuża għaliex huwa verament ma ħabatx fil-vettura tal-parte civile u ta` dan hemm martu xhud. Wieħed kien jistenna dak li ppoponiet il-prosekuzzjoni u d-difiża u cioe` li jkun hemm konfront bejn ix-xhud Josephine Mifsud Saydon (mart l-akkużat) u l-*parte civile* u dan għas-sempliċi raġuni li f'kwistjoni daqshekk sempliċi hemm verżjoni tal-fatti mogħtija minnhom kompletament opposta.

Rat ir-rikors al-appell tal-appellant Joseph Mifsud prezentat fir-registru tadin il-Qorti nhar il-11 ta' Gunju 2019 fejn

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-aggravju tan-nulilta tas-sentenza.

Rat dak li gie verbalizzat sediuta stante 26 ta' Settembru, 2019 fejn il-qorti ordnat li tidher quddiemha d- Deputat Registratur tal-Qorti Doris Serpina.

Rat ix-xhieda moghitja mid-Diretur tal Qorti Kriminali u cioe' ta' Eunice Grech Fiorini moghtija nhar il-15 ta' Ottubru, 2019.

Eunice Grech Fiorini xhedet u konfermat li l-avukat tal-appellant kien mar ikelllimha u infurmaha li kien tkellem mad-deputata tal Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace u talabha taghtih sentenza moghtija mill-Qorti. Id-deputata kient infurmata li kienet ghadha ma ittajpjatx din-is-sentenza u ghalhekk ghadhietlu kopja tal-verbal fejn qaltlu

li kien hemm imnizzel dak kollox li ghandu bzonn biex jipprepara l-appell tieghu. Qalet ukoll li jekk mhux sejjer zball id-Deputata qaltilha li l-Magistrat ma kienitx hemm u ghalhekk ma sestghetx tiffirma s-sentenza.

Mistoqsija x'ghamlet qalet li cemplet lid-Deputata u din qaltilha li kienet ghaddiet kopja tal-komparixxi flimkien tal-verbal tas-seduta ta' meta inghatat is-sentenza lill-avukat tal-appellant. Mistoqsija meta kien dan tghid li ma tiftakarx pero' tikkonferma li l-appellant ma inghatax kopja tas-sentnza biex jintavola appell minnha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet lill-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 jirremettu ruhhom ghall-atti processwali u dan sabiex il-Qorti tghaddi biex taghti sentenza fuq in-nullita' o meno tas-sentenza esebita fl-atii.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u jirrizulta li fis-27 ta' Mejju 2019 allegatament l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghti sentenza fil-konfront tal-appellant skond il-verbal ta' dak il-jum (fol. 170). Pero' minn esami a dan il-verbal ma hemmx indikat l-akkuzi li inghataw lill-appellant mill-proekuzzjoni u lanqas ma hemm indikat l-artikoli tal-ligi a bazi ta' liema nstab hati ghalkemm hemm pronunzjament mill-Qorti dwar dak li sabet lill-appellant hati u ta' dak li lliberatu minnha.

Wara li l-appellant talab is-sospensjoni ghal din l-allegata sentenza huwa iffirma s-sospensjoni tal-eskuzzjoi tas-sentenza ghal fini ta' l-appell (fol. 21) pero' din il-formula m' ghandhiex data ghalkemm fiha l-firma tal-appellant.

Jirrizulta pero b'mod stramb u inspjegabbli li a fol. 22 hemm sentenza dattilograta presumilment b'refernza ghall-kawza odjerna li ukoll ma fihjiex firma pero' tirreferi ghall-incident mertu tal-kawza fejn din id-darba hemm indikat x'kienu l-akkuzi, hemm l-artikoli tal-ligi pero' ma hemmx data u ghalhekk qatt tista' tigi kunsidrata bhal res judicata.

Illi mhemmx dubbju li s-sentenza li inghatat dak inhar tas-sentenza hija dik rapportata fil-verbal tas-27 ta' Mejju, 2019 meta effettivament u allegatament inghatat is-sentenza u mhux ix-xahar ta' Gunju kif hemm fis-sntenza dattilografata a fol. 22. Pero' l-verbal li jinsab a fol 17 ma jistax jitqies bhala sentenza ai fini ta' dan l-appell ghaliex ma hemmx referenza ghall-atti tal-kaz u cioe' ghall-akkuzi u lanqas ma hemm referenza ghall-artikoli li tahthom instab hati. Hemm biss riassunt tax-xhieda li xehdu u l-*conditonal discharge* li inghatat fir-rigward tat-tieni akkuza li minn qari ta' dak raportat ma jirrizultax x'kienet din it-tieni akkuza. Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat u dan skond l-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Illi skond ix-xhieda ta' **Eunice Grech Fiorini** jirrizulta bic-car ukoll li meta l-appellant intavola l-appell tieghu huwa ma kienx ghadu inghata kopja tas-sentenza minkejja li din kienet inghatat u t-terminu tal-appell kien ser jiskadi.

Ikkunsidrat ulterjoment,

Illi din il-Qorti taghmel refernza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-imijiet **il-Pulizija vs Peter Axisa**[1] fejn il-fatti tal-kaz kienu kon simili fis-sens li li dik il-Qorti osservat illi s-sentenza appellata iggib id-data tal-10 ta' Dicembru,

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-30 ta' Novembru 2017.

2016 meta l-atti jindikaw illi f'dik id-data l-atti kienu ilhom konkluzi sa mill-10 ta' Dicembru 2015 u f'dik il-kawza fejn kien hemm data hazina fis-sentenza l-Qorti ghaddiet biex tilqa' l-aggravju ta' nullita u annullat is-sentenza moghtija.

Illi a bazi ta' dan l insenjament din il-Qorti ser ikollha tiddikjara din is-sentenza ukoll nulla u bla effett stante li hija karenti minn dettall indispensabbli ghall-validita' taghha u ghalhekk ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid;

Tajjeb li jkun senjalat in rigward illi meta s-sentenza tkun dikjarata nulla u l-Qorti tal-Appell tisma' u tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond l-artikolu 428(3) Kap 9, l-aggravji tal-appell jitqiesu bhala sottomissjonijiet – Ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [2]– App Krim 10.9.2007;

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, tannulla is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u tordna li kopja ta' din is-sentenza prelimianri tigi notifikata lill-ewwel Qorti li tat is-sentenza li giet appellata ghal kull interess li jista' jkollha bil-ghan li d-deputat registratur ta' dik il-Qorti tkun attenta meta tigi biex tipproduci kopji ta' sentenza tal-qorti u tiddiferixxi l-kawza ghal nhar it-12 ta' Dicembru 2019 sabiex isiru sottomissjonijiet fuq l-kaz.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar l-10 ta' Settembru, 2007